# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-FAMILJA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn 24 ta' Jannar 2022**

Kawża Nru.

Rik. Nru. **305/2021 ISB**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 225/2021** fl-ismijiet:

**Vanessa Magro** (KI 277380M)

Vs

**Dr Roderick Bugeja** (KI 74776M)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutat Dr Roderick Bugeja fit-23 ta' Dicembru 2021, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, huwa talab li din il-Qorti tirrevoka l-mandat ezekuttiv bin-numru 225/21;

Rat id-Digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2021;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti Vanessa Magro fl-4 ta' Jannar 2022, li biha laqgħet għat-talba tal-eżekutat.

Rat l-atti kollha u kif ukoll dawk tal-Mandat li għalih jirreferi;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;
Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Jannar 2022 minn fejn jirrizulta ukoll illi r-rikors thalla ghall-llum għall-provvediment;

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' Mandat esekuttiv għar-raġuni li l-eżekutat igħid li l-Mandat ta' sekwestru ezekuttiv 225/2021 mhux mahrug in konformita` ma' dak li jipprovdi l-artikolu 253(b) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-ammont riklamat mill-ezekutanta mhux cert, likwidu u dovut u ghalhekk ma seta' qatt jigi milqugh fil-vesti ta' mandat ezekuttiv.
L-ezekutat isostni illi filwaqt illi l-ammont sekwestrat jirrapprezenta spejjes dovuti fir-rigward tal-wild tal-kontendenti, il-kura u kustodja hija wahda kongunta u kwindi d-decizjonijiet iridu jittiedu b'mod kongunt. Jsostni illi bil-kuntratt ta' separazzjoni, spejjes ta' sahha u edukazzjoni jinqassmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u ghandhu jkun hemm qbil fuqhom. Jghid illi ghall-ammont riklamat mill-ezekutanta qatt ma kien hemm kunsens da parti tieghu dwarhom u ulterjorment illi l-ammont mhux likwidat fl-att notarili nniffsu. Jghid illi l-ezekutanta kellha tirrikorri ghall-proceduri legali kontenzjuzi u mhux tibghat ittra ufficjali.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi, min-naħa tagħha, l-ezekutanta tecepixxi l-irritwalita' tal-procedura mressqa peress illi tghid illi r-rikorrenti qed jibbaza t-talba tieghu ghar-revoka tal-mandat fuq allegat difett fit-titolu ezekuttiv. Tghid illi r-revoka ta'

Mandat Ezekuttiv hija regolati bil-provvedimenti tal-Artikolu 281 tal-KAP 12.

Hi ssostni illi l-Mandat ezekuttiv *de quo* ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi fir-rigward is-siwi tieghu, kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qorti u kwindi m'hemm l-ebda raguni valida ghat-thassir tal-mandat.

Fil-mertu ssostni illi kien hemm qbil fuq l-ispejjes minn qabel u kuntratt ta' separazzjoni, kif diversi drabi enuncjat mill-Qrati, jaghti titolu ezekuttiv.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti ewlenin marbutin mal-każ jirriżulta illi:

- Il-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku ta' separazzjoni tal-24 ta' Lulju 2017;

- Illi fit-23 ta' Settembru 2021, l-ezekutanta Vanessa Magro pprezentat ittra ufficjali kontra l-ezekutat Dr Roderick Bugeja, anness maghha l-kont ta' drittijiet dovuti ghat-terapija tal-minuri taghhom Roy u kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni msemmi, a bazi ta' liema talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u hamsa u hamsin Euro (€755) minn ghand l-ezekutat, u gharrfitu illi dik l-itttra ufficjali kienet qed issir appuntu biex tirrendi l-kunratt ta' separazzjoni ezegwibbli.

- Illi fl-14 ta' Ottubru 2021, l-ezekutat Bugeja pprezenta nota u cahad l-pretensjonijiet mressqa ghaliex l-ispejjes ma kienux sar bil-kunsens tieghu. Jghid illi filwaqt illi jibqa' dispost illi jhallas dak li jkun minnhu dovut, b'dana kollu id-drittijiet tieghu m'ghandhomx jigu minimizzati.

- Illi fis-16 ta' Dicembru 2021 sar ir-Rikors ghall-hrug tal-mandat ezekuttiv (225/2021) u gie akkordat fl-istess jum.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi ghalkemm ir-rikors ma jispecifikax, huwa mifhum illi din il-procedura qed issir a bazi tal-**Arikolu 281 tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta, li ighid espressament hekk:

> *281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*
>
> *(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:*
>
> *Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu.*
>
> *Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.*
>
> *(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.*
>
> *(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.*
>
> *(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.*

Naturalment ta' l-akbar importanza ghall-vertenza odjerna huwa s-sub-inciz wiehed.

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ irid jingħad illi din il-Qorti diġà wriet f'għadd ta' deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din, li hija tal-fehma li l-għan li għalih iddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-KAP 12 huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir.

Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv. Ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-Mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 tal-KAP 12 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata <u>bla ħsara għal kull jedd ieħor</u> taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra.

Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa fl-artikolu 836 tal-KAP 12, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji.

Illi xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutat qiegħda iressaq talba ghar-revoka ta' Mandat ezekuttiv għar-raġuni li l-eżekutat igħid li l-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv 225/2021 <u>mhux mahrug in konformita` ma' dak li jipprovdi l-artikolu 253(b) tal-KAP 12</u> tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-ammont riklamat mill-ezekutanta mhux cert, likwidu u dovut u ghalhekk ma seta' qatt jigi milqugh fil-vesti ta' mandat ezekuttiv.

Illi l-artiklu **253(b) tal-KAP 12** ighid espressament hekk:

> *Huma titoli esekuttivi:*
> *(b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;*

Illi huwa aċċettat li l-kwestjoni tas-siwi tal-Mandat maħruġ u s-siwi tal-eżekuzzjoni tiegħu huma ħwejjeġ differenti minn xulxin. Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni, m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi.

Illi l-prattika stabilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi.

Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li trid tinbeda b'Rikors Maħluf jew bil-proceduri idoneji skond il-kaz, kif sewwa tghid l-ezekutanta fir-Risposta taghha.

Illi l-fehma ta' din il-Qorti hi li l-proċedura ai termini tal-artikolu 281 ma tistax tgħin biex persuna tattakka l-eżekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma hija msejjsa mhux biss fuq gurisprudenza vasta, izda ukoll toħroġ mill-fatt li r-rimedju mogħti mil-liġi għal min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' att eżekuttiv (jiġifieri bi proċedura kontenzjuża "normali") kien jeżisti sa minn qabel ma ddaħħal fil-Kodiċi r-rimedju speċjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjaħ l-art. 283A). Wieħed ma jridx jinsa li r-rimedju mogħti taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura mhux ir-rimedju waħdani li jista' jingħata "*taħt din il-liġi jew xi liġi oħra*".

Illi f'kull każ, jidher li r-raġunijiet li r-rikorrenti eżekutat iressaq biex jitlob it-tħassir tal-Mandat diġà kienu ssemmew meta huwa kien ressaq ir-risposta tieghu ghall-ittra ufficjali. Ma jirrizultax illi dawk ir-ragunijiet sabu posthom fi proceduri *ad hoc* li huwa seta` jressaq.

Bil-proċedura tal-llum, ir-rikorrent ezekutat isostni l-posizzjoni tieghu illi peress illi l-kuntratt ta' separazzjoni ma ighidx espressament l-ammont dovut, allura l-ammont minnhu riklamat mhux cert, likwidu u dovut u kwindi ma jaghmilx titolu ezekuttiv li a bazi tieghu jista' jinhareg mandat ezekuttiv. Illi kif fuq spjegat u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, dan mhux ezercizzju illi ghandu jsir minn din il-Qorti fl-odjerni procedimenti.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrent eżekutat għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 225/2021 maħruġ kontrih mill-intimata eżekutanti.

Bl-ispejjeż tal-odjerna procedura li ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti esekutat.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**